# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 35/2026**

Data: L-Erbgħa 25 ta' Frar 2026

Ħin: 17:30hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Clayton Cascun Portelli | Sindku |
| | Sur Charles Bonello (17:49 hrs) | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sa Josianne Scicluna | Kunsilliera |
| | Dott Ryan Ellul | Kunsillier |
| Skużat/i: | Sur Izak Catania De Giovanni | Kunsillier |
| | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| Assenti: | Chev Darren Marmara | Viċi Sindku |
| | Sa Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

35.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

35.2 MINUTI

35.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

35.4 KORRISPONDENZA

35.5 PLANNING AUTHORITY

35.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

35.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

35.8 MISTOQSIJIET

35.9 MOZZJONIJIET

35.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

35.11 FINANZI

35.12 TRAFFIC MANAGEMENT

35.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

35.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

35.15 STAFF

35.16 PURCHASE REQUEST FORM

35.17 ĦLASIJIET

35.18 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fil-17:30 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien preżenti.

## 35.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**35.1.1** Kien hemm żewġ talbiet ta' apoloġija mingħand il-Kuns I Catania De Giovanni u l-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

## 35.2 MINUTI

**35.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7365/26/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 34/2026 bid-data 26 ta' Jannar 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**35.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 35.4 KORRISPONDENZA

**35.4.1** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Kottonera Foundation biex jikru tmien bankarelli għal avveniment li ser isir f'Ġunju, u ħamsa u għoxrin bankarella fl-avveniment tal-aħħar tas-sena li jsir f'Diċembru fil-Kottonera, fejn il-Kunsill ser ikun qed jikri lilhom dawn il-bankarelli.

**35.4.2** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-każin tal-Banda. Is-Sindku qara l-korrispondenza annessa bħala 'Dok A'. Is-Sindku qal ukoll li r-reklam għandu jkun bħal dak li sar is-sena l-oħra.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7366/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas ta' €100 għar-reklam fil-ktieb tal-Ġimgħa Mqaddsa tal-każin tal-banda 2026 skont it-talba annessa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.5 PLANNING AUTHORITY

**35.5.1** Is-Sindku qal li bħala Sindku, huwa rċieva notifika li nħareġ avviż ta' infurzar skont Artiklu 97 dwar l-ippjanar u l-iżvilupp, mill-Planning Authority. Is-Sindku qal ukoll li din in-notifika hija rigward razzett li għandu xi bini llegali li jikkonsisti fi strutturi tal-ħadid, fi Triq id-Dejma li tinsab f'Ħal Tarxien, imma li minn naħa ta' wara jmiss mal-Fgura.

## 35.6 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**35.6.1** Is-Sindku nforma l-kamra li s-sena l-oħra l-Kunsill ma applikax għal 'Minn Pjazza għal Pjazza', però din is-sena ser ikun qed japplika għalih, fejn hemm fond ta' €25,000. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv bagħtet tistaqsi meta ser jinfetħu l-applikazzjonijiet. Is-Sindku qara korrispondenza mid-Dipartiment annessa bħala 'Dok B'. Is-Sindku kompla jgħid li permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill jista jqabbad direttur artistiku biex jassisti u jiżviluppa din l-attività, peress li s-sena l-oħra kienet instabet diffikultà dwar x'attività tista ssir.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7367/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għat-tieni edizzjoni ta' min Pjazza għal Pjazza għas-sena 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.6.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment u mill-AKL li bħal kull sena ser issir l-'Earth Hour', fejn jintfew xi binjiet għal siegħa.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7368/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jikkollabora mal-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u Indafa Pubblika, Ċir AKL 2026/09. Kollaborazzjoni għat-tfiħ tad-dawl waqt l-attività tal-'Earth Hour 2026' li ser tiġi ċċelebrata nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2026, bejn it-20:30 sad-21:30 din is-sena.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.6.3** Is-Sindku nforma l-kamra li ser tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni 'Personal Accident' għall-ħaddiema u għall-membri tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7369/26/9** 'Sabiex tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni 'Personal Accident' għal kull persuna li l-Kunsill ikun ser ikopri taħt din il-polza mid-29 ta' Jannar 2026 sat-28 ta' Jannar 2027, għas-somma ta' mhux aktar minn €30.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.6.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7370/26/9** 'Sabiex tiġi mġedda l-polza tal-assigurazzjoni tal-flus kontanti, ċekkijiet, kif ukoll waqt inċident ta' serq fejn ħaddiema iġarrab xi forma ta' danni kemm fiżiċi kif ukoll affarijiet personali, għal perjodu mid-29 ta' Jannar 2026 sat-28 ta' Jannar 2027, għas-somma ta' mhux aktar minn €65.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.6.5** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mill-AKL li ser ikun hemm skambju f' Sardenja, fejn mill-Kunsill ġew magħżula tlett persuni li huma s-Sindku, il-Kuns J Scicluna u s-Segretarju Eżekuttiv.

**35.6.6** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mill-AKL, korrispondenza mingħand il-Malta Crafts Foundation, fejn qed jitolbu li jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill mingħajr ħlas għal workshops, fejn isiru 'crafts' permezz ta' materjal irriċiklat. Is-Sindku qal li għadhom iridu jinfurmaw lill-Kunsill meta ser ikunu d-dati. Il-Kunsill approva.

**35.6.7** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva mid-Dipartiment, li l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qed tippromovi li jkun hawn libreriji pubbliċi fil-miftuħ. Is-Sindku qal li l-aġenzija ser tipprovdi kaxxi li jservu għal libreriji fi spazji pubbliċi miftuħa li jkunu identifikati mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7371/26/9** 'Dan il-Kunsill jaqbel mal-proposta tas-'side walk libraries', għalhekk dan il-Kunsill qed jipproponi li jiġu nstallati kaxxa fi Pjazza Reggie Miller, fi Triq Ġorġ Stevens u oħra fi Triq il-Pitirross. Il-Kunsill iżomm Pjazza Reggie Miller bħala l-ewwel preferenza.'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.7 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**35.7.1** Is-sindku nforma l-kamra li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand persuna Amerikana li tgħix f'Malta u li tilgħab il-futsal, fejn qed jipproponi li jiġu nstallati żewġ lasti tal-futsal għal spejjeż tiegħu, fil-'basketball court' li huwa preċiżament id-daqs ta' grawnd tal-futsal. Is-Sindku qal li dawn il-lasti mhux ser jaffetwaw il-'hoops' tal-basketball li hemm installati fil-'basketball court'. Is-Sindku qal li għandu laqgħa ma' din il-persuna u li jekk il-membri tal-Kunsill jaqblu, isiru dawn il-lasti tal-futsal. Il-Kunsill approva.

**35.7.2** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kien irċieva permess PA/03475/25 tal-Planning Authority rigward Triq San Tumas kantuniera ma Triq Luther King, fejn kien ġie mitlub lill-perit biex tiċċekkja dwaru sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk għandux joġġezzjona. Is-Sindku qara korrispondenza mingħand il-perit annessa bħala 'Dok Ċ'. B'referenza għar-risposta tal-perit, is-Sindku qal li l-Kunsill m'għandux għalfejn jappella fir-rigward ta' dan il-permess.

**35.7.3** Is-Sindku nforma l-kamra li l-avveniment ta' Jum il-Mara ser isir fil-bitħa tal-iskola Primarja tal-Fgura. Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Kuns J Scicluna iltaqgħu mas-surmast tal-iskola u mad-direttur artistiku, u li ser ikun hemm bżonn ta' xi ħadd li jiftaħ l-iskola. Is-Sindku kompla jgħid li l-'caretaker' tal-iskola aċċetta u sabiex ma jkunx hemm problema minħabba l-ħlas, huwa ser jitħallas minn naħa tal-iskola u l-iskola tiġi rimborsata mill-Kunsill.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7372/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova l-ħlas ta' €181.27 għall-overtime fl-avveniment ta' Jum il-Mara li ser isir fil-bitħa tal-iskola fit-13 ta' Marzu 2026.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.7.4** Is-Sindku nforma l-kamra li saru n-nominazzjonijiet ta' Jum il-Mara. Is-sindku qara dokument bl-ismijiet ta' dawk li ġew nominati fi tlett kategoriji u li ntagħżlu fuq deċiżjoni tal-bord, li huma 'il-mara fix-xogħol, 'il-mara fil-volontarjat' u 'il-mara fl-arti u l-kultura', kif ukoll liema kunsillier ser ikun qed jippreżentalhom it-'token' skont kif ittellgħu bil-polza, anness bħala 'Dok D'. Is-Sindku qal li jekk xi ħadd mill-kunsilliera ma jkunx preżenti, it-'token' jiġi ppreżentat minnu.

**35.7.5** Is-Sindku nforma l-kamra rigward l-'istage' li ġie mħallas mir-Reġjun Port, fejn wera lill-membri tal-Kunsill kif ser ikun

armat. Is-Sindku qal li peress li l-avveniment ser ikun qed jiġi mħallas mir-Reġjun, fuq it-'tokens' jeħtieġ li jkunu jidhru il-'logos' tal-istakeholders kollha li huma d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali, ir-Reġjun Port, il-Kunsill Lokali Fgura, u r-Region of Culture. Is-Sindku qal li dan l-avveniment ser jiġi jiswa €20,000 u li hemm 'email' mingħand il-President tar-Reġjun u tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, fejn qed isostnu li dawn il-'logos' għandhom ikunu viżibbli fuq it-'tokens'. Is-Sindku żied jgħid li jekk dawn il-'logos' ma jkunux viżibbli fuq it-'tokens', ir-Reġjun ikollu problema biex jiġi rimborsat.

**35.7.6** Is-Sindku nforma l-kamra li kien ser jiġi ordnat il-'catering' għall-avveniment ta' Jum il-Mara, però minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill dan mhux possibbli u għaldaqstant mhux ser jiġi ordnat. Il-Kuns J Scicluna qalet li din kienet attività tagħha u ttieħditilha minn idejha għax ġie ppjanat kollox minn naħa tar-Reġjun. Is-Sindku wieġeb billi qal li l-attività mhux tal-persuna imma tal-Kunsill, u li kollox kien miftiehem miegħu u mal-Kuns J Scicluna minn qabel, flimkien mad-direttur artistiku u mal-maniġer tal-kultura. Wara diskussjoni, is-Sindku qara l-'email' mingħand id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Port annessa bħala 'Dok E'.

**35.7.7** Is-Sindku nforma l-kamra li kien imiss li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni tal-art għall-'parking area' fuq in-naħa ta' barra li hija tal-Gvern, biex issir parti mill-pjazza fi Triq Hompesch. Is-Sindku qal li l-proċess inbeda permezz tal-applikazzjoni minn naħa tal-perit.

**35.7.8** Is-Sindku nforma l-kamra li huwa flimkien mal-Kuns J Scicluna u mal-Kuns R Deguara ser ikunu qed isiefru sabiex jattendu għal kors fuq 'public speaking' u 'speech writing'. Is-Sindku qal li ġie mitlub biex bħala Kunsill itellgħu xi ħaġa magħhom, li tiġi ppreżentata u titħalla hemm bħala tifkira.

Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7373/26/9** 'Sabiex jinxtara 'token' għal żjara ġewwa l-Portugall bħala tifkira sa mhux aktar minn €100 u fuqu għandu jkun hemm miktub 'On the occasion of the visit by the Fgura Local Council to the Municipality of Funchal, March 2026'.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.7.9** Is-Sindku nforma l-kamra li kellmuh xi residenti minħabba li hemm blokka bini fi Triq San Elija fil-Fgura, fejn hemm problema li ilha għaddejja żmien twil. Is-Sindku qal li xi residenti minn din il-blokka tal-bini waħħlu d-'drain' tal-magni tal-ħasil għal tar-'rainwater' taħt il-bankina. Is-Sindku wera lill-membri tal-Kunsill

parti minn ritratt ta' wiċċ ta' tifel ta' wieħed mir-residenti l-oħra, fejn jidhru l-feriti li sofra wara inċident li seħħ minħabba f'hekk. Is-Sindku żied jgħid li kemm il-darba marru d-dipartiment tas-sanità u l-pulizija però kien kollu ta' xejn, u għaldaqstant qed jipproponi li tintbagħat ittra lir-residenti kollha tal-blokka tal-flats biex ma jibqgħux jitfgħu ilma bis-sapun fit-triq, u li l-Kunsill ser ikun qed jieħu parir legali.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7374/26/9** 'Dan il-Kunsill għandu jikteb ittra lill-blokka tal-flats li tinsab fi Triq Sant'Elija kantuniera ma' Triq Louis Schickluna sabiex min qed jikser il-liġi jiregola ruħu u ma jibqax jitfa ilma bis-sapun barra.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.8 MISTOQSIJIET

**35.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 35.9 MOZZJONIJIET

**35.9.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7375/26/9** 'Sabiex issir 'write off' mill-fixed assets ta' telefon wara li ma baqax jaħdem.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello qal li għandu jinħatar bord għal 'write offs'. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issir lista ta' affarijiet għal 'write off' u jinħatar il-bord.

## 35.10 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**35.10.1** Is-Sindku nforma l-kamra li l-Kunsill kellu appell tal-knis il-Qorti, fejn dan l-appell inqatà u l-Prim Imħallef talab li jerġa jiltaqa' l-bord minħabba li min fetaħ l-appell ingħata raġuni, però hemm klawsola fid-dipartiment tal-kuntratti li l-bord għandu jitlob kjarifika lill-kuntrattur li jkun ser jiġi mogħti it-'tender', sabiex jiċċertifika ruħu li b'dak il-prezz huwa komdu jaħdem, biex wara ma jkunx hemm abbużi. Is-Sindku qal li permezz ta' din il-kjarifika qabel ma jingħata t-'tender', ikollu jibqa jaħdem b'dak il-prezz u skont il-qbil. Is-Sindku kompla jgħid li sadanittant, il-Kunsill għaddej bil-permess tal-Ministeru għall-Kultura, Artijiet u Gvern

Lokali bid-'direct order' li hija ta' sitt xhur. Is-Sindku sostna li l-Kunsill Lokali qatt ma ġie nnotifikat u sar jaf mill-kuntrattur li għandu l-kawża l-Qorti.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7376/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill iħallas l-ispejjeż ta' rikors numru 385/25 fl-ismijiet WM Environmental Ltd vs Dipartiment tal-Kuntratti mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2026 għas-somma ta' €817.83 u €486.99.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.11 FINANZI

**35.11.1** Is-Sindku talab sabiex isir kollegament 'online' mal-'accountant u tiġi sospiża l-laqgħa fis-18:36 hrs.

Il-Kuns R Ellul ħareġ mill-kamra fis-19:09 hrs.

Wara diskussjoni, is-Sindku talab biex titkompla l-laqgħa fit-19:46 hrs.

Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7377/26/9** 'Sabiex jiġi approvat l-unaudited Financial Statement għas-sena 2025 hekk kif anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.11.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7378/26/9** 'Sabiex jiġi approvat 4th Quarterly Report għas-sena 2025 skont kif anness.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**35.12.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 35.13 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**35.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7379/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jinforma u japplika ma' IM sabiex issir il-bankina u r-resurfacing ta' Triq Olaf Palme.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.13.2** Il-Kuns M Lombardo staqsa rigward ix-xogħlijiet fi Triq San Tumas. Is-Sindku wieġeb li għadu f'diskussjoni rigward din it-triq peress li kellha titlesta kollha, però s'issa ma kienx hemm konferma li ser titkompla t-triq kollha sa n-naħa ta' isfel.

## 35.14 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**35.14.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Mixegħla ta' Ħamis ix-Xirka, il-preparamenti bdew u jinsabu mixjin. Il-Kuns C Bonello qal ukoll li jrid jiġi deċiż jekk hux ser isir il-ktejjeb li jiġbor fih il-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa li jsiru fil-Fgura. Is-Sindku qal li minflok ktejjeb jista' jsir fuljett A5, li fuq quddiem ikollu l-poster tal-Mixegħla u fuq wara jkun hemm lista tal-wirjiet li ser isiru fil-Fgura, u jsir it-tqassim fid-djar. Il-Kuns C Bonello qabel ma dan, u qal li jrid joħroġ avviż fuq il-paġna tal-midja soċjali tal-Kunsill Lokali sabiex min hu nteressat, jibgħat id-dettalji tal-wirja tiegħu lill-Kunsill sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2026.

**35.14.2** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7380/26/9** 'Mozzjoni sabiex issir il-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.14.3** Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7381/26/9** 'Mozzjoni sabiex isir leaflet A5 sabiex jirriklama l-Mixegħla ta' Ħamis ix-Xirka fil-Fgura u għaqdiet oħrajn bi spiża ta' mhux aktar minn €1500.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.14.4** Is-Sindku stieden lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li fir-rigward tal-attività ta' Jum il-Mara, dan l-avveniment ser isir fit-13 ta' Marzu 2026 filgħaxija fl-iskola Primarja, fejn ser ikun imtella' mir-Reġjun Port.

**35.14.5** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu.

Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7382/26/9** 'Sabiex issir ħarġa matul ix-xahar ta' Ġunju 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn €750.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.14.6** Il-Kuns R Deguara ressaq mozzjoni ref: **7383/26/9** 'Sabiex issir ħarġa tas-sajf matul ix-xahar ta' Awwissu 2026 għas-somma ta' mhux aktar minn €750.'

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.15 STAFF

**35.15.1** Is-sindku ressaq mozzjoni ref: **7384/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jilqà t-talba ta' 2 studenti (annessi) sabiex jagħmlu placement fi ħdan il-Kunsill Lokali Fgura.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**35.15.2** Is-Sindku nforma l-kamra li ġie approvat il-'performance bonus' tas-Segretarju Eżekuttiv minn naħa tad-Dipartiment.

**35.15.3** Is-sindku ressaq mozzjoni ref: **7385/26/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova t-talba tas-Sinjura Fava Jones biex tagħmel work placement fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' 90 siegħa.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.16 PURCHASE REQUEST FORM

**35.16.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7386/26/9** 'Sabiex jiġu approvati PRFPO għall-laqgħa tal-Kunsill ta' Frar 2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok F')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.17 ĦLASIJIET

**35.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **7387/26/9** 'Sabiex jiġu approvati lista tal-ħlasijiet minn 14/01/2026 sa 18/02/2026 kif inhu anness.' (Annessa bħala 'Dok Ġ')

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 35.18 AĠĠORNAMENT

**35.18.1** Il-laqgħa ntemmet fit-20:09 hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu, 2026 fil-17:00hrs.

Is-Sur Clayton Cascun Portelli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data: 25 ta' Frar, 2026

**Simmonds Ruth at Fgura Local Council**

MO 22 jann

5.
'Dok A'

| | |
|---|---|
| **From:** | Roderick Parascandalo <roderickparascandalo@gmail.com> |
| **Sent:** | Tuesday, 24 February 2026 11:40 |
| **To:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council; Clayton Cascun Portelli; Bugeja Shakira at Fgura Local Council; Simmonds Ruth at Fgura Local Council |
| **Cc:** | clintpulis2@gmail.com |
| **Subject:** | Reklam Ġimgħa Mqaddsa 2026 - Każin tal-Banda Fgura |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Għeżież,

Bħalissa qed inħejju sabiex niġbru l-materjal biex jiġi ppublikat il-ktejjeb li jitqassam waqt il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira li tiġi mtella' fis-sede tal-Għaqda tagħna fiż-żmien tar-randan.

Ta' kull sena l-Kunsill Lokali tal-Fgura jkun ta' sostenn għalina f'dan il-ktejjeb permezz ta' reklam li jsir fih stess.

Għaldaqstant permezz ta' din l-imejl nitolbkom tikkonfermawli jekk tixtiequx li jerġa jsir ir-reklam ta' paġna sħiħa bil-kulur bħas-snin l-imgħoddija għall-prezz ta' €100.

Grazzi bil-quddiem tal-għajnuna tagħkom.

Tislijiet,

Roderick Parascandalo

Viċi President - Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura

'Dok B'

Għeżież,

Kif ġejtu infurmati fis-sessjoni ta' informazzjoni li saret nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar, ġie mniedi l-proċess tat-tieni edizzjoni tal-inizjattiva **Minn Pjazza għal Pjazza.**

Tul din is-sessjoni ġew preżentati l-ingredjenti prinċipali li wasslu għas-suċċess tal-ewwel edizzjoni kif ukoll ġie varat l-proċess tat-tieni edizzjoni.

Permezz ta' din l-email qed ngħaddulkom dettalji mill-preżentazzjoni li saret nhar il-Ġimgħa sabiex jgħinu fit-tfassil tal-proposta tagħkom. *(Ara id-dokument anness)*

**L-applikazzjonijiet għandom isiru online permezz ta' din il-link sa nhar is-Sibt 28 ta' Marzu 2026.**

(*Espressjoni ta' Interess - Minn Pjazza għal Pjazza 2026 – Fill in form)*

Għal aktar informazzjoni u assistenza nistedinkom tikkuntattjawna fuq l-indirizz: info.dlg@gov.mt

Nirringrazzjakom u inselli għalikom,

Kurt

Kurt Scerri M.Sc. (Gov & Mngt) B.Com. (Hons)(Melit.)
Assistant Director
Office of The Director General
Local Government Division

t +356 20908612 e kurt.a.scerri@gov.mt
gov.mt | publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku

Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail

MINISTRY FOR CULTURE
LANDS AND LOCAL GOVERNMENT

26, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA, MALTA

13. 'Dok C'
Dun in line ma' DCIS

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Sara Ann Borg <saraann@peritwilliamlewis.com> |
| **Sent:** | Friday, 30 January 2026 14:49 |
| **To:** | Pace Zvetlana at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Clayton Cascun Portelli; William Lewis; Darren M; Charles Bonello (charlesbonello2012@gmail.com); Raymond (Ray) Deguara; Mark Lombardo (lombardomark1966@gmail.com); Izak Catania De Giovanni; Josianne Scicluna; ryan@ryanellul.eu; Adrian Tanti; Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Subject:** | Re: Appell lit-Tribunal re PA/03475/25 |
| **Attachments:** | Fgura Policy Map.jpg |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Gheziez,

Nispera li din il-korrispondenza ssibkhom tajba.

Il-progett propost PA/03745/25 jaqa gewwa z-zona *Mixed Development Area* li tinkludi policies *SMFG 02* u *SMFG05*, fejn f'din iz-zona jigi permess l-uzu ta' hanut.

Anness ghandkhom issibu il-*Fgura Policy Map*, mehuda mis-sit tal-Awtorita tal-Ippjanar, fejn hemm immarkati z-zoni.

Grazzi

Tislijiet,

*Sara Ann Borg*
Junior Architect

***Perit William Lewis***

Website: https://peritwilliamlewis.com

Phone: +356 2144 4845
Mobile: +356 9958 4902

83, Triq il-Gdida, Qormi, QRM2122

This e-mail and any files transmitted with it are confidential and intended solely for the use of the individual or entity to which they are addressed. If you have received this email in error, do not use or review the message or any information transmitted, and notify the sender. Please rely on your virus check. The sender takes no responsibility for any damage arising from any bug or virus infection.
The Copyright in this e-mail remains with Perit William Lewis.

On Fri, Jan 30, 2026 at 1:58 PM Pace Zvetlana at Fgura Local Council <zvetlana.pace.2@gov.mt> wrote:

'Dok D'

| Nru. | Kategorija | Isem u Kunjom |
|---|---|---|
| 1 | Il-Mara fil-Volontarjat | Connie Agius |
| 2 | Il-Mara fil-Volontarjat | Ruth Farrugia |
| 3 | Il-Mara fil-Volontarjat | Sister Maria Grazia D'Angelo |
| 4 | Il-Mara fil-Volontarjat | Marisa Bonello |
| 5 | Il-Mara fil-Volontarjat | Gianella Mifsud |
| 6 | Il-Mara fix-Xogħol | Dr Marica Gatt |
| 7 | Il-Mara fix-Xogħol | Marisa Pisani Abdilla |
| 8 | Il-Mara fix-Xogħol | Diane Mazzonello |
| 9 | Il-Mara fix-Xogħol | Bernardette Borda |
| **10** | **Il-Mara fix-Xogħol** | **Sarah Craig** |
| 11 | Il-Mara fix-Xogħol | Joyce Muscat |
| 12 | Il-Mara fix-Xogħol | Amy Zammit |
| 13 | Il-Mara fl-Arti u l-Kulturà | Erica Schembri |
| 14 | Il-Mara fl-Arti u l-Kulturà | Gail Mizzi |
| 15 | Il-Mara fl-Arti u l-Kulturà | Donna Pace |

| Nru. | Kategorija | Isem u Kunjom | Kunsillier |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-Mara fil-Volontarjat | Connie Agius | Izak Catania DeGiovanni |
| 2 | Il-Mara fil-Volontarjat | Ruth Farrugia | Mark Lombardo |
| 3 | Il-Mara fil-Volontarjat | Sister Maria Grazia D'Angelo | Adrian Tanti |
| 4 | Il-Mara fil-Volontarjat | Marisa Bonello | Mark Lombardo |
| 5 | Il-Mara fil-Volontarjat | Gianella Mifsud | Ray Deguara |
| 6 | Il-Mara fix-Xogħol | Dr Marica Gatt | Clayton Cascun Portelli |
| 7 | Il-Mara fix-Xogħol | Marisa Pisani Abdilla | Josianne Scicluna |
| 8 | Il-Mara fix-Xogħol | Diane Mazzonello | Charles Bonello |
| 9 | Il-Mara fix-Xogħol | Bernardette Borda | Darren Marmara |
| **10** | **Il-Mara fix-Xogħol** | **Sarah Craig** | **President tar-Reġjun** |
| 11 | Il-Mara fix-Xogħol | Joyce Muscat | Ryan Ellul |
| 12 | Il-Mara fix-Xogħol | Amy Zammit | Clayton Cascun Portelli |
| 13 | Il-Mara fl-Arti u l-Kulturà | Erica Schembri | Ryan Ellul |
| 14 | Il-Mara fl-Arti u l-Kulturà | Gail Mizzi | Ray Deguara |
| 15 | Il-Mara fl-Arti u l-Kulturà | Donna Pace | Adrian Tanti |

'Dok E'

**Fgura Local Council at Fgura Local Council**

| | |
|---|---|
| **From:** | Lianne Cassar <lcassar@lca.org.mt> |
| **Sent:** | Wednesday, 25 February 2026 11:56 |
| **To:** | Clayton Cascun Portelli; natix666 |
| **Cc:** | Calleja Gwenith at Fgura Local Council; Fgura Local Council at Fgura Local Council; Gatt Ann Marie at Fgura Local Council; Lincoln Cowles; Andre Mizzi; Mercieca Veronika at Port Regional Council; Regjun Port at Port Regional Council; mariella darmanin; Josianne Scicluna |
| **Subject:** | Re: Tokens Jum il-mara 13 ta' Marzu 2026 |

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Dear Mayor, Councillors and Executive Secretary,

Kindly note that the visibility of logos and funding acknowledgements is not merely for promotional purposes. Given that approximately €20,000 is being funded by the Port Regional Council under the Region of Culture title and funding scheme, we are all bound to ensure that the logos of all funding mechanisms are clearly visible.

Failure to comply with these branding requirements may create difficulties for the Region in securing reimbursement under the Port Region of Culture funding mechanism from the DLG.

As a Region, our role is to verify that the branding is aligned with the specifications outlined in the Region of Culture Branding Manual. However, there is limited flexibility regarding the number of logos displayed. If these are removed, the Region would not be in a position to finance the event under this scheme.

Should the Council wish to proceed with the planning and implementation of the event while covering all financial aspects independently, it may do so and refrain from claiming funds under the Region of Culture funding mechanism.

Alternatively, you may consider requesting the supplier to provide a mock-up version of the token so that the logos can be adjusted accordingly. The four logos may be placed in banner format along the lower part of the design. In my opinion, any text placed beneath the logos should be removed, as it would likely be illegible.

If text is required near the Region's logo, we can provide an alternative version of the logo which already incorporates the text alongside it.

Please let me know should you wish further assistance.

Kind regards,

'Dok F'

| PRFPO for CM February 2026 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 12245 | 12469 | Vince Hardware Store | 1x ramel, 1x cement | € 8.35 |
| 12246 | 12470 | Garden of Eden | Harga ta' Frar 2026 - 1 mini bus seater ( 21 seater) ghal harga l-Isla/ Birgu | € 141.60 |
| 12247 | 12471 | TVI Services Ltd | Lifts Examinations 4 stops | € 59.00 |
| 12248 | 12472 | Pro Cranes | Dismantling of christmas tree | € 306.80 |
| 12249 | 12473 | Ghaqda Muzikali u Socjali Madonna tal-Karmnu, Fgura | As per budget plan 2025 - Band club opening 2025 | € 3,000.00 |
| 12250 | 12474 | Cancelled | | |
| 12251 | 12475 | Cancelled | | |
| 12252 | 12476 | Francis Service Station | Diesel for IBL 985 | 40 |
| 12253 | 12477 | Emi Bonnici | Karnival 2026 - 1000 flyers A5 colour both sides on 130 gsm paper | € 71.40 |
| 12254 | 12478 | Emi Bonnici | Karnival 2026 - 100 certificates on cardboard 300gsm - A4, one side colour | € 35.70 |
| 12255 | 12479 | Netsys | 3 hrs, Service-Onsite, Troubleshootong problem with intercom when guest is secured | € 123.90 |
| 12256 | 12480 | Schindler Ltd | Lift service agreement from 1/1/26 till 30/6/26 | € 389.40 |
| 12257 | 12481 | Vince Hardware Store | 1 x pala H/Duty, 1x anti rust marine coating, 1x paint roller arms 10cm, 1 x paint tray, 1 brass broom, 1x broom handle | € 30.37 |
| 12258 | 12482 | Paul Magri | Regjun Port Works - 3x hollow section 60x40x3, 6x angles 30x30x5, 2x hollow section 30x30x3, 1x maxx plate 8ft x 4ft x 3, 1x 2mm steel plate 8ft x 4ft, 16x hinges 1" | € 347.76 |
| 12259 | 12483 | Francis Service Station | Fuel for generator | € 10.00 |
| 12260 | 12484 | Vince Hardware Store | Regjun Port Works - For carpet stand - 8x flange plates 11/4", 8x saddles, 24x cutting discs, 20 screws 8x80mm, 1x flap wheel, 4x gloves, 1x masonry drill 14mm, 20x kavilji 12mm, 20x kavilji 14mm | € 135.15 |
| 12261 | 12485 | Paper Avenue Malta | Presepju Haj - 18 certificates A4 white board 240gsm in colour | € 9.00 |
| 12262 | 12486 | John Farrugia Ltd | Bankarelli - 6 x serratizzi | € 98.99 |
| 12263 | 12487 | Clentec Malta Limited | Cleaning services for the month of November & December 2025 | € 1,127.25 |
| 12264 | 12488 | Ecopure Limited | 7 x 18.9 litres of San Michel table water | € 32.90 |
| 12265 | 12489 | Cancelled | | |
| 12266 | 12490 | Horace Enterprises Ltd | Harga 10 ta' Frar 2026 L-Isla (Ray Deguara) - 1 x token kaxxa blue pannu - Jesmond Inguanez, 1 x token kaxxa blue pannu - John Portelli | € 59.00 |
| 12267 | 12491 | Vince Hardware Store | 2 x weling electrodes 2.5, 3 x working gloves | € 26.94 |
| 12268 | 12492 | Vince Hardware Store | 1 x cutter, 30 x screws & plugs 8x60, 30x washers | € 16.60 |
| 12269 | 12493 | Silcam Trading Agency Limited | Mixghela 2026 - Total of 4000 candles - 1450 x red, 850x white, 850 blue, 850 yellow | € 1,840.00 |
| 12270 | 12494 | Horace Enterprises Ltd | Harga Gozo 29 ta' Marzu 2026 - Token without casing | € 8.26 |
| 12271 | 12495 | Ruth Simmonds | Allowance ghall-hinijiet extra li saru bejn Lulju u Dicembru 2025 | € 500.00 |
| 12272 | 12496 | Jos Hili & Sons Ltd | 12x sgrassatore marsiglia, 16x antibacterial wipes, 12x skimmed milk, 4x WC net 750ml, 2x pkts dolce gostu capp, 12x air freshner, 12x smac, 24x napkins, 24x sponges, 4x airwick refill, 6x kitchen rolls, 4x hand cleaner | € 383.52 |
| 12273 | 12497 | Schembri & Sons Ltd | 3 x kaptelli 90cm x 30cm | € 54.16 |
| 12274 | 12498 | Quadron Plus | Harga Ghawdex 29/3/2026 - 1 x 48 seater coach fis 7:20am coach tkun quddiem il-Kunsill Lokali Fgura, fis-7:30am tluq ghac-Cirkewwa, fis-7:00pm tluq mic-Cirkewwa , lura ghall-Fgura | € 224.20 |
| 12275 | 12499 | O.C Developments | Finishing works at FLC Hall - Site visit, cleaning before & after, protect floor with plastic & mask around tiles with masking tape, remove ceiling light fittings & reinstall them, supply & application of paint to all walls& ceiling, supply & application of silicone sealent to windows perimeters | € 3,100.00 |
